# Il-Poezija 'Nemmen' ta' G. Chetcuti

*Ta'* Louis Ellul

Fost il-poeżijiet, li Gużè Chetcuti għogbu jgħaqqad f'sensiela waħda fl-ewwel ktieb tal-għana tiegħu, hemm lirika li l-kittieb ried iqegħidha l-ewwel waħda. Fi ħsiebi, it-tqegħid ta' din l-oda f'ras il-ktieb ma sar xejn kif ġieb u laħaq; għaliex, kif jagħtik malajr x'tifhem isimha — hi jisimha "Nemmen" — fiha għandek issib xi ħaġa moħbija li tagħżilha mill-għanjiet l-oħra. Bħala kittieb għaqli, li għandu fih sens ta' individwalità, Gużè Chetcuti ried jaħseb għall-programm li għandu jimxi fuqu fit-triq tal-ħajja. Dan għamluh qablu kittieba kbar, barranin u ġewwenin, wara li kienu daqu sewwa l-ħelu u l-morr tal-għixien—hekk, bla ma nidħol fl-irqaqat, kien il-ħsieb ta' Dun Karm bil-ħruġ tal-karme tiegħu, "Il-Jien u Lilhinn minnu"—imma l-poeta żagħżugħ, minħabba fil-matmura sħiħa ta' għerf li rnexxielu jerda' mill-qari ta' kotba tajba u xi ftit ukoll mit-tiġrib ta' ħajtu, għaraf igħaqqad ħsibijietu issa, meta ż-żmien għadu jidħaklu u dlam ċappa għadu jaħbilu l-jiem, sbieħ u koroh, tal-ġejjien tiegħu. Din il-poeżija, għalhekk, tista' ssejħilha s-sies ta' twemminu, jew aħjar, il-kredu tiegħu.

Il-Poeta jibni l-poeżija fuq l-għadd sabiħ ta' sitta u disgħin vers tal-għaxra u jiġborha f'qasmiet ta' tnax-il vers, kull waħda magħmula minn tliet strofi-kwartini b'rima mnewba. Il-versi huma kollha msawra wieħed wara u ieħor maqtugħ, hekk li r-rima taqa' dejjem fuq il-maqtugħ. It-tqassim ta' din ir-rima jinżillek għasel inti u taqra l-poeżija u l-ħsibijiet li tħaddan jingħaqdu bla tbatija ma' tiegħek. Dwar ir-ritmu, irrid ingħid, li għalkemm huwa sħiħ kemm jista' jkun, madankollu, minħabba li s-sillabar ta' xi versi huwa msawwar fuq il-formola ta' għana popolari, waqtiet id-daqq sabiħ tiegħu jintilef. Jiena tal-fehma li l-poeżija ta' l-arti ma għandu jkollha lanqas vers wieħed biss li mhux mibni fuq r-regoli tal-metrika u stabbilita, għalkemm saħansitra l-ogħla poeta tagħna xi drabi jitħajjar jimxi l-kuntrarju. Vers, b'ritmu u sillabar tajjeb, għandu jdoqq sħiħ ukoll mita jinfired mill-poeżija li minnha jagħmel sehem. Għalhekk, il-ħames vers ta' l-ewwel qasma, ir-raba' tar-raba' qasma u l-ħames tas-sitt qasma, għalija, huma versi tal-għaxra biss b'liċenza poetika. Id-disa' vers tas-sitt qasma, imbagħad, ma nħossu vers tal-għaxra xejn. Hu jista' jkun, jew vers tal-ħdax b'ritmu fuq ir-raba' u s-seba' u l-għaxar sillaba jew vers tad-disgħa b'ritmu mfassal ħażin. Mhux ta' min jammiraha dik li l-għajn tinxorob u tingħadd bħala sillaba fl-istess vers.

Imma dawn in-nuqqasijiet huma riħ ħdejn is-sħiħ li fiha l-poeżija. Il-ħażna ta' kliem safi iżda mexxej u l-kotra ta' ħjelijiet poetiki, li jorqmu l-ħsieb ewlieni f'kull waħda mit-tmien taqsimiet li fihom tinġabar, jagħmlu minnha għanja qawwija u milquta li mhux la kemm tintesa. Il-konċiżżjoni ta' kliem bħal dan: *"firxa ta' ħdura"*, li ġġiblek quddiemek tapit twil twil ta' ħaxix aħdar; *"moħba ta' ħsiebi"*, li ġġiegħelek taħseb fil-kobor mistur ta' ruħ il-poeta; *"kobor ta' ħolma"*, il-qawwa tal-ħolm, li jagħtik tħaddan f'lejl wieħed dak li tkun ilek tixtieq għomrok kollu: *"frugħa ħallieha"*, l-għamil ħajjen tal-frugħa, li tisraqlek iż-żmien ta' ħajtek għax ma tikseb minnu xejn; u ta' kotra oħrajn bħalhom, twettaq tajjeb dak li qed ingħid. Ma għandniex xi ngħidu, ħjelijiet sbieħ, imfis-

sra bi frażijiet tal-għaġeb, ma jagħmlux poeżija kbira, jekk il-ħsieb li tħaddan ikun fqir fih innifsu, imma din il-għanja ta' Chetcuti, barra l-preġji li semmejt, fiha wkoll ħsieb għoli.

"*Miexi waħdi qalb firxa ta' ħdura*", hekk jiftaħ il-poeżija tiegħu Ġużè Chetcuti; u fir-ritmu onomatopejku tal-vers donnok tħoss il-passi tal-Poeta. Kien għadu kemm beda jżernaq meta hu fettillu joħroġ jagħmel dawra qalb il-għelieqi biex itaffi xi ftit l-imrar u d-diqa li kienu qed jagħfsu lil qalbu. L-ewwel dija tax-xemx kienet qiegħda tisreġ fuq il-ħaxix, miksi bin-nida li niżlet fuqu ma' tul il-lejl, tlellex sabiħa bħad-djamanti; u l-għasafar kienu għadhom kemm stenbħu, imqanqlin miż-żiffa mielsa tar-riħ u mill-fwieħa qawwija tal-fjuri. F'għaxqa bħal din, in-natura stednitu biex jinsa s-siegħa li kien fiha, jiftakar fl-imgħoddi u jistqarr dak kollu li jħoss u jemmen fih. L-ewwel li ħaseb kien fl-imħabba, iżda mhux fl-imħabba żienja li tbaxxik u teqirdek ħesrem imma f'dik il-ġibda sovrumana, li taf tgħaqqad żewġt iqlub safja f'qalb waħda u tnissel l-hena ġo ruħhom. Għax il-quċċata ta' l-imħabba għall-Poeta lajk m'hijiex ħaġ'oħra ħlief is-sagrament taż-żwieġ, xewqa li huwa kellu jara mwettqa fih innifsu wara ftit ta' żmien li kien kiteb din il-għanja. Imma hu jħoss li qalbu għandha tinġibed ukoll għal ħaddieħor: hu jrid iħobb b'imħabba kbira lil għajru, lil niesu, lill-bnedmin kollha, għaliex, kif jistqarr:

"Għax jien nemmen: f'qalb ħielsa u maħbuba
Tista' tgħix dis-sultana ta' ferħ;
Fejn hemm hi, hemm id-dija tal-hena,
Fejn hemm hi, hemm bħal għanja ta' serħ."

Iżda l-għaxqa ta' l-imħabba malajr fakkret lill-Poeta fl-oppost tagħha, il-waħx tal-mibegħda. Din il-għada misħuta, xogħolha huwa ċ-ċaħda tal-hena u t-tnissil ta' wġigħ lill-vittmi tagħha; xi drabi ħsiebha jasal sal-qirda tal-ħajja nnifisha. Dan il-Poeta tgħallmu mill-esperjenza, għaliex fil-ftit snin li għadu għex mhux darba hu kellu jixrob mill-kus ta' l-imrar, imressaq b'ħażen ma' xofftejh minn min jobogħdu. Għalhekk hu ma jistax ma jemminx sħiħ fil-qerq tal-bniedem li jobgħod. Bl-isbaħ metafora li qatt ħarġet mill-pinna tiegħu, metafora aqlugħa bi gradazzjoni u antitesi li jeaħħruk, hu jipprova jġiblek quddiemek it-tbatijiet li ġarrab, biex int titgħallem minnhom:

"Nemmen, nemmen f'dil-kelma qarrieqa,
Jien ġarrabtha, ħassejtha ħadid
Jaħraq, jikwi, qed jagħfas fuq rasi,
L-għafsa tiegħu, flok tonqos, iżżid."

Għall-Poeta l-mibegħda ma tasalx biss sa hawn. Min ibejjet f'qalbu din il-għodda ta' ħjiena għandu l-ħila jġib il-għawi u l-firda fost il-ħbieb, iġennen nies ta' l-affari tagħhom u jħassar l-imħuħ ta' ġnus sħaħ hekk li jikkaġuna gwerra bejniethom. Imma hu ma jridx jaqtagħlek qalbek quddiem din il-ħsara faħxija. Għal kull ħatba hemm il-mannara. Għalhekk, ta' bniedem imġarrab, hu jagħmillek din it-twissija għaqlija, li, barra li taħjik, tagħtik ħjiel ta' l-ottimiżmu tiegħu, li jaf isib xaqq ta' dawl fejn ma hemmx ħlief swied u kruha:

"Jekk int tħabrek, fuq ras min jobogħdok
Rebbieħ toħroġ sa fl-aħħar, ħabib."

Tħabrik u ħidma titlob il-ħajja u, bil-ħajra u bil-ħerqa għax-xogħol, inti tista' tilħaq fejn tixtieq. Kull min għamel isem f'din id-dinja kellu, qabel xejn, igħaddi minn snin twal ta' taħbit u kedda, liema bħalhom, biex wasal fil-kobor mixtieq. Imma l-Poeta ma jridx jimxi kontra l-qwiel ta' missirijietu. Għalih, aktar ma togħla fil-qagħda iżjed jikbirlek ħemmek. Il-għana u l-flus ma jagħmlux bih, għax jemmen sħiħ li huma żerriegħa ta' taħwid fost il-familji u ta' ġlied bejn il-bnedmin. Aħjar mela taqla' kemm titrejjaq u tgħix, hieni u kieni, fil-ġabra tad-dar. Fi kliemu:

Nemmen b'qalbi u b'ruħi u b'ħilti
Aħjar żgħir tgħix fil-ġabra tad-dar,
Milli tilħaq fil-għoli w ġlied tiftaħ
Qalb nies ġodda ġo ħajja ta' nar."

"Imma x'inhi l-ħajja ħdejn id-dwiem?" jistaqsi hu indirettament. "Ix-xemx titla' u tinżel kuljum biex taqdi lill-ħlejjaq fil-ħtiġiet kollha; iżda, f'dik il-ħidma bla għeja tagħha, jiena nagħraf l-għadd meqjus tal-jiem li għandi ngħix. Għad jiġi waqt fuqi, meta ma nkunx nista' aktar nistgħall mill-qawwa tax-xemx. Dal-waqt qiegħed dejjem joqrob bla ma jiena qed nagħti kasu. Għandu mnejn jasal fuqi għada, min jaf? Għaliex mela għandi naħli żmieni prezzjuż fix-xejn?" Jissokta jħaqqaq.

"Jiena nemmen li ħajti qasira,
U ta' ħajti rrid ngħaddi dal-jiem
Mhux fil-għors, mhux fil-frugħa ħalliela."

Le, hu ma jridx jgħaddi ħajtu biss fil-logħob u x-xalar. Hu għandu dmir x'jaqdi qabel ma jwelli minn did-dinja. Hu jqim, fuq kull art oħra, l-art li tatu l-ħajja, Malta, li huwa jqis bħala omm ħanina, *"l-omm ta' qalb kbira"*, kif isejħilha hu; u jrid li, b'radd il-ħajr talli għoġobha tgħoddu b'wieħed minn uliedha l-egħżież, igħinha kemm jista' jkun bil-ħidma li jħossu l-aktar adattat għaliha. Dil-ħidma, jew aħjar, dan l-aqwa dmir ta' rġulitu, hija l-koltivazzjoni ta' l-ilsien li bih jitkellem, li huwa tgħallem f'ħoġor ommu u li bih għad jgħid l-aħħar talbiet qabel ma jmut. Il-Malti, imżeblaħ għal tmintax-il seklu minn l-istess għorrief Maltin u mwarrab minnhom minn kull xorta ta' kitba biex jagħmel il-ġenb lil lsien barrani, li kont trid taħli mill-anqas tmien snin skola kontinwa biex forsi titgħallem iġġaħġaħ xi ħaġa bih—dan ġarrabtu jiena llum—għaliex iż-żewġ ilsna mhumiex ta' nisel wieħed, baqa' jgħix sieber f'ħalq it-tfajla tar-raba' u l-qaddej tal-benestant, jew aħjar, *"fil-kcina"* mal-mara tad-dar, kif għadhom jgħidu l-ftit egħdewwa li baqagħlu, sakemm fl-aħħar sab il-kapurjun tiegħu f'dak il-bniedem kbir, wild Malta wkoll, Mikiel Anton Vassalli, li għalih kien bata ħabs u turufnament u li għalhekk jistħoqqlu bil-ħaqq kollu l-isem, ta' min jixtiequ, *"Missier l-ilsien Malti"*. Illum, iżda, li bix-xogħol ta' dal-pijunier il-bini tal-letteratura Maltija jinsab tiela' fuq sisien sħaħ, Ġużè Chetcuti, bħala żagħżugħ ferħan, imgħaxxaq bis-sbuħija u l-kobor ta' dan il-bini, jaħlef b'fehma sħiħa li jrid jaħli dehnu kollu biex aktar isebbħu u jorqmu. Għax bl-istudju tal-Malti, huwa jistqarr, tista' Malta tidher kbira f'għajnejn il-barranin u bil-ħeġġa ta' qalb żagħżugħa jista' l-Malti jilħaq il-quċċata tar-rebħa.

"Nemmen: f'qalbi nħoss seħer mill-aqwa
Lejn ilsienha mirqum bl-ogħna sebħ;
Hemm taż-żgħażagħ il-qalb; hi li tħaddmu
U tmexxih fit-triq kbira tar-rebħ."

Wara l-ġieh lil art twelidu, m'hijiex ħaġa għariba tisma' l-Poeta jgħolli ħsebijietu lejn is-sema. Alla huwa s-sid ta' kollox u jibqa' jgħix ukoll meta l-Univers ikun intemm, għax *Hu kien, għadu u jibqa'*. Għalhekk l-egħluq tal-poeżija, jiġifieri l-qofol tagħha, il-Poeta jaħtru, kif inhu xieraq, lil dik is-Setgħa bla tarf, li ħalqet 'l artu u lilu. Imma l-ħila tal-Poeta qiegħda fil-mod kif hu għaraf jinseġ dan il-ħsieb. Hu jerġa' jqanqal l-egħġubijiet tan-natura, kif kien għamel fil-bidu tal-poeżija, u mill-ħjelijiet li jsebbħuha jixtar il-kobor t'Alla. Għalih huma biżżejjed il-ħsejjes taż-żiffa mal-weraq tas-siġar biex jiftakar u jaħseb fil-Ħallieq divin. Dan il-ħsieb m'huwiex meħud minn fuq dak ta' Diderot, li kien qal li minn biss ġewnaħ ta' farfett hu jagħraf l-id t'Alla, għaliex huwa komuni, tista' tgħid, għal kull min għandu fih sens ta' reliġjożità. L-għan tal-Poeta kien wieħed, li jsib l-okkażżjoni li jsemmi l-isem t'Alla biex jagħtih il-merti li jixirqulu; u, fi ħsiebi, ma satax jirnexxi aħjar. Għalhekk huwa jfaħħar lill-Mulej, fl-aqwa u fl-aħħar erba' versi li baqagħlu, bl-iżjed kliem nobbli li seta' jsib. "Nemmen fik, huwa jgħidlu, ja Mulejja, għaliex Inti l-Ħallieq ta' dak kollu li qed nara sabiħ madwari, nemmen fik għaliex Inti l-imħabba, is-sewwa u s-sedqa nnifishom." Fi kliem il-Poeta:

"Nemmen fik, għax Int setgħa li xxerred
Kulma dwari jitbissem sabiħ,
Nemmen fik: Int l-imħabba, Int is-sewwa,
Int fik tiġbor kull qawwa ta' ġieh."

Minn dawn l-istqarrijiet jidher li l-Poeta jsejjes il-kredu tiegħu fuq it-twemmin li għallmitu ommu, il-Knisja Mqaddsa. Dat-twemmin huwa jqiegħdu fuq tliet ħwejjeġ: ruħu, artu u sidu. B'sidu hu jagħraf lil Alla li ħalqu u qed iżommu qawwi u sħiħ; b'artu huwa jgħodd lill-art li tatu l-ħajja, Malta, li jrid jaħdem għaliha sa l-aħħar nifs b'dak li huwa jħoss li jista' jgħinha l-aħjar, fil-każ tiegħu billi jxandar ma' l-erbat irjieħ il-kitba tal-Malti, ilsienha; b'ruħu huwa jqis it-tiġrib tal-ħajja, li għadda u li għad irid jgħaddi minnu. Hu jemmen fil-għaqda taż-żwieġ u fil-kobor tal-ġibda għal xulxin li jġib miegħu, meta jsir bejn żewġt iqlub safja; fil-qerq tal-għira; fil-mibegħda miġnuna li titnissel minnha; fil-għaraq u t-tbatija li trid tgħaddi biex tilħaq l-idijal tiegħek; fil-ġmiel taċ-ċkunija, nieqsa minn kull responsabbiltà li tieħu r-ras; u fl-aħħar, imma mhux l-anqas, fl-għadd meqjus tal-ħajja, b'ħidma u sabar sal-qabar.

Iżjed 'il fuq tajt ħjiel ta' xi ħwejjeġ li għalija deħru bħala nuqqasijiet metriki. Biex inkun għidt kollox, ma rridx nonqos li ma ngħarrafx il-fehma tiegħi dwar xi ħwejjeġ oħra t'estetika. Il-kelma, "*maħbuba*", fl-ewwel vers ta' l-aħħar strofa tat-tieni qasma tal-poeżija, setgħet inbidlet fil-kelma, "*miġbuda*". Kif inhi, ma tfissirx eżattament il-ħsieb li jrid jagħtiha l-kittieb u tidher hemm qisha biex timla l-vers, ladarba s-suġġett tal-perijodu li minnu tagħmel sehem, "*sultana ta' ferħ*", huwa l-imħabba. Ukoll il-kelma "*serq*" fir-raba' vers ta' l-ewwel strofa tar-raba' qasma tal-poeżija, ma taqbelx mas-suġġett li tikkwalifika u qiegħda hemm biss biex ma tħassarx ir-rima ta' l-istrofa. Haġ'oħra: il-ħsieb fuq il-mibegħda huwa mġebbed. Bi ftit tas-sabar, dawk is-sitt strofi setgħu saru tlieta, biex ikunu jaqblu mal-ħsieb ewlieni fil-poeżija li jittratta suġġett ġdid f'kull qasma ġdida.

Imma x'inhu li jagħmel din il-għanja ta' Chetcuti poeżija kbira? Mhux l-għadd sabiħ ta' figuri rettoriki, li jorqmu u jirfdu kull ħsieb; l-anqas il-għażla f'waqtha tal-vers tal-għaxra li, bil-pawsa mdaqqsa fl-aċċenti ritmiki li fih, hu l-vers *par excellence* tal-meditazzjoni waqt il-mixi, imma l-lehma fina, li tadatta ruħha għal kull xejra, togħla bi kliem magħżul fejn għandha togħla u tinżel fejn hu meħtieġ, hekk li s-suġġett li tittratta jidher quddiemek qawwi u sħiħ kif għandu jkun u bid-dojl tiegħu kollha. Kollox ma' kollox, imbagħad, għalkemm il-ħsieb ewlieni li tbaddan m'huwiex oriġinali għal l-aħħar, il-poeżija tista' tissejjaħ bħala rappreżentativa xierqa ta' dak kollu li s'issa kiteb u għanna l-poeta żagħżugħ.